



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għas-Sajd*

---

**2010/2040 (INI)**

19.7.2010

# OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar Politika Marittima Integrata – Evalwazzjoni tal-progress li sar u sfidi  
ġodda  
(2010/2040(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Antonello Antinoro

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li l-politika tas-sajd u tal-akkwakultura tiddaħħal fil-Politika Marittima Integrata (PMI) bħala politika sħiħa, u mhux waħda subordinata għal politiki oħra, sabiex jingħata l-aktar rispons xieraq għat-tħassib ambjentali u ekonomiku kemm tas-soċjetà ġenerali, kif ukoll tas-settur tas-sajd innifsu;
2. Jikkonferma l-bżonn li jinħolqu strumenti politiċi transsettorjali li jipprovdu qafas għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura li jkunu kapaċi, fost oħrajn, li jottimizzaw l-organizzazzjoni tal-ispazju marittimu Ewropew, li jsaħħu l-iżvilupp tal-għarfien dwar il-baħar u li jiżguraw sorveljanza marittima integrata;
3. Jinsisti, b'mod partikolari, li r-restrizzjonijiet u l-ispeċifitàjiet proprji tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura jiġu kkunsidrati mill-Politika Marittima Integrata (PMI) f'dak li jikkonċerna l-użu tal-qasam marittimu, partikolarment fir-rigward tad-disponibilità taż-żoni neċessarji biex jitwettqu dawn l-attivitajiet u l-ħtieġa li jitħarsu l-habitats tal-baħar billi jiġu stabbiliti riservi tal-baħar u miżuri oħra għal dak il-għan, b'enfasi speċjali fuq ir-riċerka ppjanata aħjar u li jintegraw bis-sħiħ id-diversità ġeografika u klimatologika ta' kull baċin marittimu;
4. Jinsisti b'mod partikolari dwar il-bżonn assolut li jiġu implimentati programmi ta' riċerka multidixxiplinarji maħluqa speċifikament biex jiġu integrati b'mod korrett l-attivitajiet kollha magħmula fil-qasam marittimu, li jikkonċernaw b'mod partikolari kemm il-preservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar kif ukoll it-teknoloġiji l-ġodda (makkinarju għas-sajd aktar selettivi, muturi aktar ekoloġiċi, żvilupp tal-ispeċji maqbuda, eċċ.) li joffru benefiċċju dirett għas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura;
5. Iqis li t-tiŝiħ tal-kooperazzjoni reġjonali huwa indispensabbli sabiex tinkiseb ġestjoni sostenibbli u aktar effiċjenti tar-riżorsi tal-ibħra u tal-kosta, partikolarment fejn fejn iż-żona marittima twassal għal interdipendenza, hekk kif inhu l-każ f'ħafna baċini marittimi, per eżempju fil-Mediterran jew fil-baħar Baltiku;
6. Huwa konxju mill-fatt li d-delimitazzjoni tal-fruntieri bejn il-pajjiżi Ewropej Mediterranji ġirien u pajjiżi Mediterranji oħra toħloq kwistjonijiet kumplessi u delikati mil-lat politiku, li jistgħu jikkompromettu l-emerġenza ta' politika marittima integrata reali għar-reġjun, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd;
7. Jistieden għalhekk lill-Unjoni Ewropea sabiex tagħmel kampanja fi ħdan l-Unjoni għall-Mediterran biex l-abbozz ta' kodiċi komuni ta' prattiki tajba fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura jiġi integrat fil-programm ta' din l-organizzazzjoni internazzjonali ġdida;
8. Jitlob għal żvilupp ta' skambji bejn l-atturi istituzzjonali tal-PMI u tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) fil-qafas tar-reġjonalizzazzjoni mixtieqa minn din tal-aħħar, sabiex

jintlaħaq il-potenzjal tas-sinerġiji bejn il-PMI u l-PKS, b'mod partikolari fil-kuntest ta' approċċ ibbażat skont il-baċin tas-sajd;

9. Jitlob ukoll li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' kollaborazzjoni bejn id-diversi politiki li flimkien jiffurmaw il-PMI, inkluża l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), billi wieħed jibbaża b'mod partikolari fuq entitajiet konġunti ta' konsultazzjoni stabbiliti f'kull Stat Membru li jiġbru fihom atturi mis-setturi kollha involuti u li, għaldaqstant, jippermettu li jkun hemm skambju ġenwin bejn dawk il-politiki;
10. Jenfasizza li x-xewqa li jara l-PMI tikkontribwixxi għas-salvagwardja ta' settur Ewropew tas-sajd ekonomikament u soċjalment vijabbli, li jirrispetta l-ambjent iżda li huwa wkoll li jkun sors ta' ġid għall-parteċipanti tiegħu, se tikkontribwixxi wkoll għas-suċċess tal-politiki Komunitarji dwar l-impjieg u tal-iżvilupp ekonomiku, inkluża l-politika kummerċjali, kif ukoll għall-provvista ta' ikel ta' kwalità għolja fl-UE, li hija nnifisha għandha nuqqasijiet serji f'dal-qasam;
11. Jitlob sabiex il-prinċipji tal-effiċjenza tar-riżorsi u l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli jiġu integrati fil-PMI;
12. Jenfasizza li kemm is-sajd kif ukoll l-akkwakultura għandhom posthom fl-ekonomija marittima u l-iżvilupp tar-reġjuni tax-xtut li ta' spiss ikunu remoti, li l-PMI għandha tagħtihom spinta f'termini ekonomiċi, soċjali u ambjentali;
13. Iqiegħed enfasi fuq l-importanza essenzjali tal-ippjanar tal-ispazju marittimu Ewropew u l-użi tiegħu għar-reġjuni tax-xtut, u għar-reġjuni periferiċi b'mod partikolari, u jenfasizza l-ħtieġa li jitħarsu l-iktar reġjuni marittimi bioġeografiċi delikati f'termini ekoloġiċi, filwaqt li s-settur tas-sajd jitħalla jisfrutta r-riżorsi tiegħu fuq bażi sostenibbli;
14. Itenni l-ħtieġa urġenti li jitnaqqsu l-pressjonijiet fuq l-ambjent tal-baħar li joriġinaw mill-art, b'mod partikolari t-tniġġis industrijali u -agrikoltu u l-ġestjoni ħażina taż-żoni tax-xtut, fil-kuntest ta' approċċ integrat ibbażat fuq l-ekosistema; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa urġenti ta' ħolqien ta' netwerk ta' żoni protetti tal-baħar;
15. Jenfasizza r-rwol importanti ta' riċerka mmirata u integrata dwar il-baħar u l-promozzjoni tal-innovazzjoni, rwol li se jgħin sabiex jiġu sodisfati l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati b'mod effettiv u sabiex tinżamm il-bijodiversità tal-baħar; jistieden lill-Kummissjoni biex tipprevedi l-eventwalità li jkun hemm appoġġ aktar sostanzjali għar-riċerka applikata fil-qafas tat-tmien programm ta' qafas, per eżempju, permezz ta' koordinazzjoni orizzontali tal-programmi ta' riċerka kkonċernati, iffinanzjar aktar adegwat u l-ħolqien ta' istitut Ewropew tar-riċerki tal-baħar;
16. Jitlob b'mod urġenti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jivvalutaw mill-ġdid ir-riskji li joħorġu mit-tħaddim ta' pjattaformi tat-tħaffir offshore, mill-parks offshore tal-enerġija mir-riħ, mill-estrazzjoni ta' ramel u żrar u minn użi oħra li għandhom bżonn l-ispazju, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-pożizzjoni aktar dgħajfa tas-sajd, is-sajjieda u l-komunitajiet li jgħixu mal-kosta;
17. Jitlob għal involviment akbar u parteċipazzjoni aktar attiva tas-settur tas-sajd fil-

gruppi marittimi tal-Ewropej;

18. Jappoġġja l-intenzjoni ddikjarata tal-Kummissjoni li tiffinanzja l-PMI b'limitu ta' 50 miljun euro matul is-sentejn li ġejjin, sabiex tibni fuq proġetti preċedenti fl-oqsma tal-politika, il-governanza, is-sostenibbiltà u s-sorveljanza;
19. Jenfasizza l-bżonn ta' evalwazzjoni tal-bżonnijiet finanzjarji supplimentari tal-Istati Membri kostali u, jekk ikun meħtieġ, li jkun hemm kontribut finanzjarju fil-kuntest tas-sorveljanza marittima tal-ilmijiet Ewropej;
20. Jenfasizza li l-finanzjament għall-implimentazzjoni tal-PMI għandu jiġi ggarantit fil-livell tal-baġit Komunitarju permezz ta' kontribut proporzjonali mis-setturi kollha affettwati minn din il-politika, billi titqies id-differenza fl-importanza li jagħti l-baġit tal-Unjoni lil kull politika;
21. Jitlob li tingħata iktar importanza lill-għoti ta' informazzjoni liċ-ċittadini tal-UE u lill-garanzija tal-parteċipazzjoni pubblika fl-oqsma kollha tal-PMI.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

|   |   |
|---|---|
| <b>Data tal-adozzjoni</b>   | 14.7.2010   |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>   | +: 19<br>-: 2<br>0: 1   |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>                                | Josefa Andrés Barea, Antonello Antinoro, Alain Cadec, João Ferreira, Carmen Fraga Estévez, Pat the Cope Gallagher, Marek Józef Gróbarczyk, Carl Haglund, Iliana Malinova Iotova, Werner Kuhn, Isabella Lövin, Guido Milana, Maria do Céu Patrão Neves, Ulrike Rodust, Struan Stevenson, Catherine Trautmann, Jarosław Leszek Wałęsa |
| <b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>                           | Izaskun Bilbao Barandica, Luis Manuel Capoulas Santos, Raúl Romeva i Rueda, Ioannis A. Tsoukalas  |
| <b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b> | Veronica Lope Fontagné  |